VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,007, 21 ta' Diċembru, 2012
Taqsima B

A.L. 472 tal-2012

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME*
(KAP. 123)

ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI TAT-TAXXA
(KAP. 372)

Regolamenti tal-2012 li Jemendaw ir-regolamenti dwar Kooperazzjoni ma' Ġurisdizzjonijiet Oħra fuq Kwistjonijiet ta' Taxxa

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 52B, 76(4), u 96(1) tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, u bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 58 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2012 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Kooperazzjoni ma' Ġurisdizzjonijiet Oħra fuq Kwistjonijiet ta' Taxxa, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Kooperazzjoni ma' Ġurisdizzjonijiet Oħra fuq Kwistjonijiet ta' Taxxa, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 123.127.

(2) Kemm-il darba ma jkunx provdut xort'oħra f'dawn ir-regolamenti, dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 2013.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, minnufih wara t-tifsira "l-awtorità rikjedenti" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Direttiva tal-UE dwar l-Kooperazzjoni Amministrattiva" tfisser id-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE tal-15 ta' Frar 2011 dwar l-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni u li tirrevoka d-Direttiva 77/799/KEE;".

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

3. (1) Ir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (a) tas-subregolament (2) tiegħu, minflok il-kliem "borża f'Malta; u" għandhom jidħlu l-kliem "depożitarju ċentrali tat-titoli residenti f'Malta. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, "depożitarju ċentrali tat-titoli" għandha t-tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 2 tal-Att dwar is-Swieq

Finanzjarji; u"; u

(b) is-subregolament (13) għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) minflok il-kliem "Entitajiet, *trustees* u persuni oħra" għandhom jidħlu l-kliem "Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 19 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, entitajiet, *trustees* u persuni oħra"; u

(ii) minflok il-kliem "għall-perjodu minimu ta' disa' snin minn meta tispiċċa s-sena" għandhom jidħlu l-kliem "għall-perjodu minimu ta' ħames snin minn meta tispiċċa s-sena".

(2) Dan ir-regolament għandhu jitqies li beda jseħħ fit-22 ta' Lulju, 2011.

Iżid regolamenti ġodda mar-regolamenti prinċipali.

4. Minnufih wara r-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali, għandhom jiżdiedu r-regolamenti ġodda li ġej:

"Implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/KE.

11. (1) Permezz tar-regolamenti 11 sa 23, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-UE dwar l-Kooperazzjoni Amministrattiva għandu jkollhom effett fir-rigward tal-Atti dwar it-Taxxi.

(2) Għall-finijiet tad-Direttiva tal-UE dwar l-Kooperazzjoni Amministrattiva, "taxxa" tfisser taxxi ta' kull xorta li jinġabru f'Malta ħlief għal:

(a) taxxa fuq il-valur miżjud, dazji tad-dwana u dazji tas-sisa koperti minn liġijiet oħra tal-Unjoni dwar l-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-Istati Membri;

(b) kontribuzzjonijiet obbligatorji tas-sigurtà soċjali li jitħallsu f'Malta;

(ċ) miżati, bħal fil-każ ta' ċertifikati u dokumenti oħra maħruġa minn awtoritajiet pubbliċi; u

(d) drittijiet ta' natura kontrattwali, bħal ħlas attribwibbli lill-entitajiet pubbliċi.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(3) Għall-finijiet tad-Direttiva tal-UE dwar l-Kooperazzjoni Amministrattiva, sa fejn huwa possibbli, informazzjoni għandha tkun provduta b'mezzi elettroniċi permezz tan-Netwerk CCN. F'dan il-kuntest -

(a) "b'mezzi elettroniċi" tfisser l-użu ta' tagħmir elettroniku għall-ipproċessar, inkluża l-kompressjoni diġitali, u l-ħażna ta' *data*, u l-utilizzazzjoni ta' wajers, trasmissjoni bir-radju, teknoloġiji ottiċi jew mezzi elettromanjetiċi oħrajn; u

(b) "Netwerk CCN" tfisser il-pjattaforma komuni bbażata fuq in-netwerk komuni ta' komunikazzjoni (CCN) żviluppata mill-Unjoni Ewropea għat-trasmissjonijiet kollha b'mezzi elettroniċi bejn l-awtoritajiet kompetenti fil-qasam doganali u fiskali.

(4) Meta l-awtorità kompetenti fi Stat Membru tal-UE tibgħat informazzjoni lill-awtorità kompetenti f'Malta, u titlob ukoll rispons dwar l-istess informazzjoni, l-awtorità kompetenti f'Malta għandha, mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar segretezza fuq materji ta' taxxa u l-protezzjoni tad-*data* applikabbli f'Malta, tibgħat rispons lill-awtorità kompetenti li pprovdiet l-informazzjoni mill-aktar fis possibbli iżda mhux aktar tard minn tliet xhur wara li l-eżitu tal-użu tal-informazzjoni mitluba jkun magħruf. Dan ir-rispons għandu jingħata skont l-arranġamenti prattiċi magħmula mill-Kummissjoni tal-UE skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 26(2) tad-Direttiva tal-UE dwar l-Kooperazzjoni Amministrattiva.

Skambju ta' informazzjoni fuq talba.

12. (1) Fuq talba ta' awtorità kompetenti ta' Stat Membru tal-UE, l-awtorità kompetenti f'Malta għandha tikkomunika lill-awtorità rikjedenti kwalunkwe informazzjoni li tidher li hija prevedibbilment rilevanti għall-amministrazzjoni u l-infurzar ta' liġijiet domestiċi ta' dak l-Istat Membru dwar it-taxxi msemmija fir-regolament 11(2) li l-awtorità kompetenti f'Malta tkun fil-pussess tagħha u jew li tikseb b'riżultat ta' indaġnijiet amministrattivi.

(2) Id-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 1 sa 10 għandhom japplikaw għall-finijiet tal-iskambju ta' informazzjoni msemmija fis-subregolament (1).

Skambju awtomatiku ta' informazzjoni.

13. (1) L-awtorità kompetenti f'Malta għandha, bi skambju awtomatiku, tikkomunika lill-awtorità kompetenti ta' kwalunkwe Stat Membru tal-UE ieħor, informazzjoni dwar perjodi ta' taxxa sa mill l-1 ta' Jannar 2014 li hija disponibbli dwar residenti f'dak l-Istat Membru l-ieħor, dwar il-kategoriji speċifiċi ta' *income* u kapital li ġejjin:

(a) l-*income* tiegħu minn impjieg;

(b) miżati ta' diretturi;

(ċ) prodotti tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja li mhumiex koperti minn strumenti legali oħra tal-UE dwar skambju ta' informazzjoni u miżuri simili oħra;

(d) pensjonijiet;

(e) proprjetà ta' u dħul minn beni immobbli.

(2) Il-komunikazzjoni tal-informazzjoni msemmija fis-subregolament (1) għandha ssir darba fis-sena, fi żmien sitt xhur wara t-tmiem tas-sena minnufih qabel is-sena ta' stima li matulha l-informazzjoni tkun saret disponibbli.

(3) Għall-finijiet ta' dan ir-regolament:

VERŻJONI ELETTRONIKA

(a) "skambju awtomatiku" tfisser il-komunikazzjoni sistematika ta' informazzjoni definita minn qabel lil Stat Membru ieħor tal-UE, mingħajr talba minn qabel, f'intervalli regolari stabbiliti minn qabel; u

(b) informazzjoni hija disponibbli meta dik l-informazzjoni tkun fil-fajls tat-taxxa ta' Malta li tista' tiġi rkuprata skont il-proċeduri għall-ġbir u l-ipproċessar ta' informazzjoni f'Malta.

(4) Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2015.

Skambju spontanju ta' informazzjoni.

14. (1) L-awtorità kompetenti f'Malta għandha tikkomunika l-informazzjoni msemmija fir-regolament 12(1) lill-awtorità kompetenti ta' kwalunkwe Stat Membru ieħor tal-UE kkonċernat, meta:

(a) l-awtorità kompetenti f'Malta jkollha raġunijiet biex taħseb li jista' jkun hemm telf ta' taxxa fi Stat Membru ieħor tal-UE; jew

(b) persuna suġġetta għat-taxxa tikseb tnaqqis fi, jew xi eżenzjoni minn, taxxa f'Malta li tista' twassal għal żieda fit-taxxa jew għal responsabbilità għat-taxxa fi Stat Membru ieħor tal-UE; jew

(ċ) transazzjonijiet kummerċjali bejn persuna suġġetta għat-taxxa f'Malta u persuna suġġetta għat-taxxa fi Stat Membru ieħor tal-UE huma mwettqa permezz ta' wieħed jew aktar pajjiżi b'tali mod li l-iffrankar fit-taxxa jista' jirriżulta f'Malta jew fl-Istat Membru l-ieħor tal-UE jew fit-tnejn; jew

(d) l-awtorità kompetenti f'Malta jkollha raġunijiet biex taħseb li xi ffrankar fit-taxxa jista' jirriżulta minn trasferimenti artifiċjali ta' profitti fi gruppi ta' impriżi; jew

VERŻJONI ELETTRONIKA

(e) informazzjoni mgħoddija lil Malta mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor tal-UE ippermettiet li tinkiseb informazzjoni li tista' tkun rilevanti biex issir stima tar-responsabbilità għat-taxxa fl-aħħar imsemmi Stat Membru tal-UE.

(2) L-awtorità kompetenti f'Malta tista' wkoll tikkomunika, permezz ta' skambju spontanju, lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra tal-UE kwalunkwe informazzjoni li taf u li tqis li tkun utli għall-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru l-ieħor.

(3) L-awtorità kompetenti f'Malta għandha tibgħat kwalunkwe informazzjoni msemmija f'dan ir-regolament li ssir disponibbli għaliha lill-awtorità kompetenti ta' kwalunkwe Stat Membru ieħor tal-UE kkonċernat malajr kemm jista' jkun, u mhux aktar tard minn xahar wara li tali informazzjoni ssir disponibbli.

(4) Meta l-awtorità kompetenti f'Malta tirċievi informazzjoni skont id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 9 tad- Direttiva tal-UE dwar l-Kooperazzjoni Amministrattiva, hija għandha tikkonferma li rċeviet din l-informazzjoni lill-awtorità kompetenti li bagħatet din l-informazzjoni minnufih u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn sebat ijiem tax-xogħol mid-data tal-wasla. L-imsemmija konferma għandha ssir, fejn possibbli, permezz ta' mezzi elettroniċi.

(5) Għall-finijiet ta' dan ir-regolament, "skambju spontanju" tfisser il-komunikazzjoni mhux sistematika, fi kwalunkwe waqt u mingħajr talba minn qabel, ta' informazzjoni lil Stat Membru ieħor tal-UE.

Preżenza f'uffiċċji amministrattivi u parteċipazzjoni f'indaġnijiet amministrattivi

Kap. 372.

15. (1) Bi ftehim bejn l-awtorità rikjedenti u l-awtorità kompetenti f'Malta, u skont l-arranġamenti stabbiliti minn din tal-aħħar - liema arranġamenti għandhom jikkunsidraw id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 3(1) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa - uffiċjali awtorizzati mill-awtorità rikjedenti jistgħu, bil-għan li jiskambjaw l-informazzjoni msemmija fir-regolament 12(1):

(a) ikunu preżenti fl-uffiċċju fejn l-awtortitajiet amministrattivi ta' Malta jwettqu dmirijiethom;

(b) jkunu preżenti waqt indaġnijiet amministrattivi mwettqa f'Malta.

Meta l-informazzjoni mitluba tinsab f'dokumentazzjoni li għaliha l-uffiċjali tal-amministrazzjoni tat-taxxa ta' Malta għandhom aċċess, l-uffiċjali tal-awtorità rikjedenti għandhom jingħataw kopji tagħha.

(2) Sa fejn dan huwa permess taħt il-liġi ta' Malta, il-ftehim imsemmi fis-subregolament (1) jista' jipprovdi li, fejn uffiċjali tal-awtorità rikjedenti jkunu preżenti waqt indaġnijiet amministrattivi, huma jistgħu jintervistaw individwi u jeżaminaw ir-rekords. Fejn jkun hemm ftehim għal tali intervista, kull rifjut mill-persuna taħt investigazzjoni biex tirrispetta l-miżuri ta' spezzjoni tal-uffiċjali awtorizzati tal-awtorità rikjedenti għandu jitqies bħallikieku dak ir-rifjut twettaq kontra l-uffiċjali tal-awtorità kompetenti f'Malta.

(3) Uffiċjali awtorizzati mill-Istat Membru rikjedenti tal-UE li jkunu preżenti f'Malta skont id-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament għandhom f'kull ħin ikunu kapaċi jipproduċu awtorità bil-miktub li tiddikjara l-identità tagħhom u l-kapaċità uffiċjali tagħhom.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Kontrolli simultanji.

16. (1) L-awtorità kompetenti f'Malta tista' taqbel mal-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra tal-UE biex iwettqu kontroll simultanju (kemm bilaterali jew multilaterali) ta' persuna waħda jew aktar dwar interess komuni jew komplimentari bil-għan li jiskambjaw l-informazzjoni hekk miksuba. Meta l-awtorità kompetenti f'Malta taqbel mal-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra tal-UE li jidħlu għal kontroll simultanju, din għandha, wara konsultazzjoni mal-Kummissarju, taħtar rappreżentant bir-responsabbilità li jissorvelja u jikkordina l-operazzjoni tal-kontroll. Dan ir-rappreżentant jista' jiġi maħtur minn kwalunkwe dipartiment li huwa kkunsidrat bħala xieraq fir-rigward tal-kontroll simultanju partikolari.

(2) L-awtorità kompetenti f'Malta għandha tidentifika indipendentement il-persuna jew persuni li fuqhom għandha l-intenzjoni li tipproponi kontrolli simultanji u, meta dik il-persuna jew persuni jiġu identifikati, għandha tinnotifika lill-awtorità kompetenti tal-Istati Membri l-oħra tal-UE kkonċernati li tixtieq tipproponi tali kontroll simultanju, waqt li tagħti raġunijiet għall-għażla tagħha. L-awtorità kompetenti f'Malta għandha wkoll tispeċifika l-perjodu ta' żmien li matulu dawk il-kontrolli għandhom isiru.

(3) L-awtorità kompetenti f'Malta għandha, mal-wasla ta' notifika għal kontroll simultanju mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor tal-UE, tiddeċiedi jekk tixtieqx tieħu sehem fil-kontroll imsemmi u għandha tikkonferma l-qbil tagħha jew tikkomunika r-rifjut motivat tagħha lill-awtorità li pproponiet kontroll simultanju.

Notifiki amministrattivi

17. (1) Mat-talba tal-awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor tal-UE, l-awtorità kompetenti f'Malta għandha, skont ir-regoli li jirregolaw in-notifika ta' atti simili f'Malta, tinnotifika lid-destinatarju bi kwalunkwe strumenti u deċiżjonijiet li joriġinaw mill-awtoritajiet amministrattivi tal-Istat Membru tal-UE rikjedenti u jikkonċernaw l-applikazzjoni fit-territorju tiegħu ta' liġijiet tat-taxxa koperti mid-Direttiva tal-UE dwar l-Kooperazzjoni Amministrattiva.

(2) Sabiex talba għal notifika tkun valida, it-talba għandha tindika s-suġġett tal-istrument jew deċiżjoni li għandhom jiġu notifikati u għandha tispeċifika l-isem u l-indirizz tad-destinatarju, flimkien ma' kull informazzjoni oħra li tista' tiffaċilita l-identifikazzjoni tal-imsemmi destinatarju.

(3) L-awtorità kompetenti f'Malta għandha tinforma lill-awtorità rikjedenti minnufih bir-risposta tagħha u, b'mod partikolari, bid-data tan-notifika tal-istrument jew tad-deċiżjoni lid-destinatarju.

(4) Talba għal notifika skont l-Artikolu 13 tad-Direttiva tal-UE dwar l-Kooperazzjoni Amministrattiva għandha tkun ikkunsidrata biss li tkun valida meta l-awtorità kompetenti f'Malta tirċievi assigurazzjonijiet li l-awtorità rikjedenti ma tkunx tista' tinnotifika skont ir-regoli li jirregolaw in-notifika tal-istrumenti kkonċernati fl-Istat Membru rikjedenti, jew fejn tali notifika tagħti lok għal diffikultajiet sproporzjonati. F'dan il-kuntest, huwa permissibbli għall-awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor tal-UE li tinnotifika kwalunkwe dokument permezz tal-posta reġistrata jew elettronika direttament lill-persuna f'Malta.

(5) L-awtorità kompetenti f'Malta tista' titlob lill-awtorità kompetenti ta' Stati Membri oħra tal-UE għall-għajnuna fin-notifika lid-destinatarju ta' kwalunkwe strumenti u deċiżjonijiet li joriġinaw mill-awtoritajiet amministrattivi ta' Malta u li jkunu jikkonċernaw l-applikazzjoni f'Malta tal-liġijiet tat-taxxa koperti bid-Direttiva tal-UE dwar l-Kooperazzjoni Amministrattiva. Kull talba bħal din għandha tindika s-suġġett tal-istrument jew deċiżjoni li għandhom jiġu notifikati u għandhom jispeċifikaw l-isem u l-indirizz tad-destinatarju, flimkien ma' kull informazzjoni oħra li tista' tiffaċilita l-identifikazzjoni tal-imsemmi destinatarju. Barra minn hekk, dawn it-talbiet jistgħu jsiru biss fejn ma jkunx possibbli li ssir din in-notifika skont ir-regoli li jirregolaw in-notifika tal-istrumenti kkonċernati f'Malta jew fejn tali notifika tagħti lok għal diffikultajiet sproporzjonati. F'dan il-kuntest, huwa permissibbli għall-awtorità kompetenti f'Malta li tinnotifika kwalunkwe dokument rilevanti bil-posta reġistrata jew elettronika direttament lil persuna fit-territorju ta' kwalunkwe Stat Membru ieħor tal-UE.

Żvelar ta' informazzjoni u dokumenti.

18. (1) (a) Informazzjoni komunikata fi kwalunkwe forma skont id-Direttiva tal-UE dwar l-Kooperazzjoni Amministrattiva għandha tkun koperta bl-obbligu tas-segretezza uffiċjali u tgawdi mill-protezzjoni estiża għal informazzjoni simili skont l-Atti dwar it-Taxxi. Tali informazzjoni tista' tintuża għall-amministrazzjoni u l-infurzar tal-liġi ta' Malta dwar it-taxxi msemmija fl-Artikolu 2 tad- Direttiva tal-UE dwar l-Kooperazzjoni Amministrattiva.

(b) Tali informazzjoni tista' tintuża wkoll għall-stima u infurzar ta' taxxi u dazji oħra koperti bl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2010/24/UE tas-16 ta' Marzu 2010 dwar assistenza reċiproka għall-irkupru ta' talbiet relatati ma' taxxi, dazji u miżuri oħra, jew għall-valutazzjoni u l-infurzar tal-kontribuzzjonijiet obbligatorji tas-sigurtà soċjali.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(ċ) Barra minn hekk, tali informazzjoni tista' tintuża b'konnessjoni ma' proċeduri ġudizzjarji u amministrattivi li jistgħu jinvolvu pieni, mibdija bħala riżultat ta' ksur tal-liġijiet tat-taxxa, mingħajr preġudizzju għar-regoli ġenerali u d-dispożizzjonijiet li jirregolaw id-drittijiet tal-konvenuti u tax-xhieda f'dawn il-proċeduri.

(2) Bil-permess tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li kkomunika l-informazzjoni skont id-Direttiva tal-UE dwar l-Kooperazzjoni Amministrattiva, u biss safejn dan ikun permess taħt il-liġi ta' Malta, informazzjoni u dokumenti riċevuti skont l-imsemmija Direttiva jistgħu jintużaw għal finijiet oħra għajr dawk imsemmija fis-subregolament (1)(a).

(3) Fejn l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor tal-UE titlob permess għal użu ieħor bħal dak imsemmi fit-tielet paragrafu tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva tal-UE dwar l-Kooperazzjoni Amministrattiva, l-awtorità kompetenti f'Malta għandha tagħti dan il-permess biss jekk l-informazzjoni tista' tintuża għal skopijiet simili f'Malta.

(4) (a) Meta l-awtorità kompetenti ta' Malta tikkunsidra li informazzjoni li tkun irċeviet mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor fl-UE x'aktarx li tkun utli għall-amministrazzjoni u l-infurzar tal-liġijiet ta' Stat Membru terz dwar it-taxxi msemmija fl-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-UE dwar l-Kooperazzjoni Amministrattiva, hi tista' tittrasmetti tali informazzjoni lill-awtorità kompetenti ta' dan l-Istat Membru terz tal-UE, sakemm din it-trasmissjoni tkun skont ir-regoli u l-proċeduri stabbiliti fid-Direttiva msemmija. L-awtorità kompetenti ta' Malta għandha tinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li minnu oriġinat l-informazzjoni dwar l-intenzjoni tagħha li taqsam l-informazzjoni mal-Istat Membru terz. L-awtorità kompetenti ta' Malta għandha tibqa' lura milli taqsam l-informazzjoni mal-Istat Membru terz tal-UE meta l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-UE ta' oriġini tal-informazzjoni topponi għal dak it-tqassim bil-mod u fiż-żmien kif previst fl-Artikolu 16(3) tad-Direttiva tal-UE dwar l-Kooperazzjoni Amministrattiva.

(b) Meta awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor tal-UE titlob permess mingħand l-awtorità kompetenti f'Malta biex tittrasmetti informazzjoni li tkun irċeviet mill-awtorità kompetenti f'Malta lill-Stat Membru terz tal-UE għax tqis li tali informazzjoni aktarx tkun utli għall-amministrazzjoni u infurzar tal-liġijiet ta' dan l-Istat Membru terz tal-UE dwar it-taxxi msemmija fl-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-UE dwar l-Kooperazzjoni Amministrattiva, l-awtorità kompetenti ta' Malta għandha tagħti l-permess tagħha jew inkella, skont il-każ, mhux aktar tard minn għaxart ijiem tax-xogħol minn meta tirċievi dik it-talba.

(5) Informazzjoni miksuba mill-awtorità kompetenti ta' Malta skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 16(2) tad-Direttiva tal-UE dwar l-Kooperazzjoni Amministrattiva, u li ġiet trasmessa skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 16(3) ta' dik l-istess Direttiva, tista' tintuża biss f'Malta jekk il-permess kien ingħata mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-UE minn fejn oriġinat l-informazzjoni.

(6) Informazzjoni, rapporti, dikjarazzjonijiet u kwalunkwe dokument ieħor, jew kopji awtentikati jew siltiet minnhom, miksuba mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ieħor u kkomunikati lill-awtorità kompetenti ta' Malta skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-UE dwar l-Kooperazzjoni Amministrattiva jistgħu jiġu invokati bħala evidenza mill-korpi kompetenti ta' Malta fuq l-istess bażi ta' informazzjoni, rapporti, dikjarazzjonijiet u kwalunkwe dokument ieħor simili provduti minn awtorità ta' Malta.

Pajjiżi terzi.

19. Malta għandha tidħol f'arranġamenti ma' Stati Membri oħra tal-UE li jipprovdu għal kooperazzjoni reċiproka u aktar wiesgħa minn dik pprovduta taħt id-Direttiva tal-UE dwar l-Kooperazzjoni Amministrattiva sakemm -

(a) Malta għamlet arranġament li jipprovdi għall-kooperazzjoni reċiproka u altar wiesgħa minn dak previst taħt id-Direttiva tal-UE dwar l-Kooperazzjoni Amministrattiva ma' ġurisdizzjoni li mhijiex Stat Membru tal-UE; u

(b) l-imsemmi Stat Membru tal-UE jitlob li jsir parti f'dak arranġament.

Skambju ta' informazzjoni ma' pajjiżi terzi.

20. (1) Meta l-awtorità kompetenti ta' Malta tirċievi minn pajjiż terz informazzjoni li tidher li hija prevedibbilment rilevanti għall-amministrazzjoni u infurzar tal-liġi domestika ta' Malta dwar it-taxxi msemmija fl-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-UE dwar l-Kooperazzjoni Amministrattiva, hi tista', safejn dan ikun permess skont arranġament mal-pajjiż terz, tipprovdi dik l-informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tal-UE li għalihom tali informazzjoni tista' tkun utli u lil kull awtorità rikjedenti.

(2) L-awtorità kompetenti f'Malta tista' tikkomunika, skont id-dispożizzjonijiet dwar il-komunikazzjoni ta' *data* personali lil pajjiżi terzi, misjuba fil-liġi ta' Malta, informazzjoni miksuba skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-UE dwar l-Kooperazzjoni Amministrattiva lil pajjiż terz, sakemm il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin huma sodisfatti:

(a) l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-UE minn fejn oriġinat l-informazzjoni qablet ma' dik il-komunikazzjoni;

(b) il-pajjiż terz konċernat ikun impenja ruħu li jipprovdi l-kooperazzjoni meħtieġa biex tinġabar evidenza tan-natura irregolari u illegali ta' transazzjonijiet li jidhru li jiksru jew jikkostitwixxu abbuż tal-liġijiet tat-taxxa.

Protezzjoni tad-*data*.

Kap. 440

21. Kull skambju ta' informazzjoni magħmul skont id-Direttiva tal-UE dwar l-Kooperazzjoni Amministrattiva għandu jkun bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data*. F'dan ir-rigward, l-artikoli 7, 19, 20(1), 21 u 35 tal-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data* m'għandhomx japplikaw għax l-għoti ta' informazzjoni taħt id-Direttiva tal-UE dwar l-Kooperazzjoni Amministrattiva jikkostitwixxi miżura meħtieġa fl-interess ta' materji ta' taxxa.

Formoli u formati.

22. Komunikazzjonijiet magħmula mill-awtorità kompetenti ta' Malta skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-UE dwar l-Kooperazzjoni Amministrattiva għandhom, safejn ikun possibbli, jintbagħtu permezz tal-formola *standard* adottata mill-Kummissjoni skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 26(2) tal-imsemmija Direttiva.

Revoka tar-regolament 3 tar-Regolamenti dwar Direttivi tal-Unjoni Ewropea. L.S. 123.74.

23. Ir-regolament 3 tar-Regolamenti dwar Direttivi tal-Unjoni Ewropea għandu jiġi revokat fl-1 ta' Jannar 2013.".